MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2010

Numru. 984/2006

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR IAN J. ABDILLA**
**KONTRA**

**MARIO SCIBERRAS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mario Sciberras ta’ 56 sena, bin Paul u Rita nee’ Attard, mwieled Zebbug, nhar it- 3 ta’ Ottubru 1950, residenti f’ Summerfield, 24, Triq Alfred Camilleri, Attard u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 847650(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli matul is- snin li ghaddew, f' dawn il- Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1) b' mezzi kontra l- Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn Lm 1,000 ghad- dannu ta' Raymond Buhagiar detentur tal- Karta tal- Identita' bin-numru 134256(M);

2) approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fadata jew ikkunsinnata lilu, that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' appropja ruhu minn flejjes migbura liema flejjes jammontaw ghas- somma ta' aktar minn Lm1,000 liema flejjes jappartjenu lil Raymond Buhagiar detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 134256(M) u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar- radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l- profesjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghall-kaz in esami kienu s-segwenti. L-imputat flimkien ma’ Raymond Buhagiar kellhom negozju kummercjali flimkien, fejn it-tnejn kienu bi shab jinnegozjaw fil-proprjeta’ u fil-manufattura ta’ ghamara u aperturi o oggetti ohra hekk relatati mal-bini u l-kostruzzjoni. F’ Dicembru tal-2005, Buhagiar irrapporta lill-imputat li kien gie iffrodat minnu somom ta’ flus konsiderevoli fuq medda ta’ zmien, u wara investigazzjoni mmexxija mill-Ispettur ta’ dak iz-zmien, Kevin Borg, inbdew dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Wara kwazi erba’ snin ta’ smigh ta’ provi u esebizzjoni ta’ dokumenti ta’ kontijiet bankarji u atti pubblici u diversi dokumenti ohra, din il-kawza rrisultat li kienet biss malintiz bejn il-partijiet, u li l-kwistjonijiet civili gew rizolti f’ Marzu li ghadda. Minghajr wisq dilungar zejjed, din il-kawza kienet tittratta kwistjonijiet purament civili bejn Buhagiar u l-imputat, liema kwistjonijiet illum huma tranzatti. Ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet kriminali, apparti l-osservazzjonijiet maghmula hawn fuq, dawn ma rrisultawx ippruvati. Ir-reat tal-frodi jirrikjedi, skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, li l-imputat johloq sistema ta’ raggiri u artifizji biex il-vittma tal-frodi temmen li hi ser taghmel qligh minn xi attivita’ kimerika. Dan fl-ebda stadju tal-provi ma rrisulta li kien hemm. L-istess ghall-misapproprjazzjoni. Biex dan ir-reat jissussisti, irid jigi ppruvat li kien hemm dolo min-naha tal-imputat u li kien hemm pussess effettiv ta’ hwejjeg haddiehor, bil-kontroll assolut ta’ dawk il-hwejjeg, u bl-intenzjoni li tali kontroll iwassal ghall-uzu taghhom bhala proprjetarju effettiv. Dan ukoll ma rrisulta minn imkien. Anzi, d-dokumenti kollha esebiti juru ezattament il-kontra, u cioe’ dak kollu li gara bejn Buhagiar u l-imputat gara “above board”. Jekk kien hemm xi malintiz bejniethom, kif fil-fatt stqarr Buhagiar stess, dan ma jwassalx ghal reati kriminali ta’ frodi u misapproprjazzjoni.

Ghalhekk il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 310, 308, 309, 17, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------